# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru 2020**

**Numru 7**

**Rikors numru 67/20 LM**

**Yorgen Fenech**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u s-Superintendent tas-Saħħa Pubblika**

1. Dan huwa appell wara ilment intavolat mill-appellat Yorgen Fenech illi l-Avviz Legali numru 61 tal-2020 u l-Avviz Legali numru 65 tal-2020 huma lezivi tad-dritt tieghu ghall-liberta hekk kif sancit permezz tal-Artikolu 34 (1) (f) u l-Artikolu 34 (3) (b) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 (3) u 5 (4) tal-Konvenzjoni. Illi l-appellat kien gie arrestat fl-20 ta' Novembru 2019 u rrilaxxat taht *police bail* u sussegwentement kien gie prezentat taht arrest fit-30 ta' Novembru 2019 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja mixli b'diversi reati inkluz l-omicidju volontarju ta'

Daphne Caruana Galizia. In vista tal-pandemija kagunta mill-virus Sars-CoV-2, is-Supretendent tas-Sahha Pubblika ordnat l-gheluq tal-Qrati u r-Registru fit-13 ta' Marzu 2020 permezz tal-promulgar tal-Avviz Legali numru 61 tal-2020 u l-Avviz Legali 65 tal-2020, li wassal sabiex il-kumpilazzjoni kontra l-appellat tigi sospiza. B'konsegwenza ta' dan l-appellat intavola rikors fl-1 ta' April 2020 ai termini tal-Artikolu 412B tal-Kodici Kriminali sabiex jilmenta illi b'effett tal-gheluq tal-Qrati l-arrest tieghu kien sar illegali u ghalhekk kellu jinghata l-helsien mill-arrest, liema talba kienet giet michuda permezz ta' digriet datat 2 ta' April 2020. L-appellat intavola rikors ghall-helsien mill-arrest fis-6 ta' April 2020 li kien gie michud permezz ta' digriet datat 7 ta' April 2020. Fit-8 ta' April 2020 l-appellat intavola rikors ai termini tal-Artikolu 3(2) tal-Avviz Legali numru 61 tal-2020, li kien gie michud permezz ta' digriet moghti fl-istess gurnata. L-appellat kien intavola rikors iehor ghal helsien mill-arrest fis-16 ta' April 2020 li kien gie appuntat ghas-smigh ghal 21 ta' April 2020 u michud permezz ta' digriet moghti dakinhar. Fl-4 ta' Mejju 2020 l-appellat prezenta r-rikors promotur tieghu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Kostituzzjonali (Sede Kostituzzjonali). Fil-frattemp, b'digriet datat 19 ta' Mejju 2020, il-Qorti Kriminali awtorizzat ir-rinviju tal-att tal-kumpilazzjoni wara talba maghmula mill-Avukat Generali, liema atti kienu gew rinvijati fil-25 ta' Mejju 2020.

2. F'dawn il-proceduri huwa talab lill-ewwel Qorti sabiex:

> "a. Tiddikjara li hemm ksur tal-artikolu 34(1)(f) kif moqri mal-Artikolu 34(3)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem kif moqri mal-Artikolu 5(3) tal-istess Konvenzjoni u tal-artikolu 5(4) tal-istess Konvenzjoni;
>
> b. Tordna rilaxx tiegħu b'effett immedjat u dan b'applikazzjoni tal-artikolu 34(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;
>
> c. Tagħti d-direttivi u l-provvedimenti kollha sabiex jigu mħarsa d-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali tal-esponent kif protetti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni."

3. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tad-29 ta' Mejju 2020 gie deciz hekk:

> "Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:
>
> 1. Tiddikjara illi bis-sospensjoni sine die tas-smigħ tal-Kumpilazzjoni Numru 720/2019 Il-Pulizija (Spettur K. Arnaud) (Spettur K. Zahra) vs. Yorgen Fenech b'effett tal-applikazzjoni tal-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020, seħħ ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif protetti bl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.
>
> 2. Tqis għalhekk illi l-Avukat Ġenerali ma kellux jistrieħ fuq l-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020 sabiex ma jirrinvjax l-atti tal-Kumpilazzjoni Numru 720/2019 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, u ma jissoktax is-smigħ tal-istess kumpilazzjoni.
>
> 3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tar-rikorrent. L-ispejjeż ta' din il-proċedura huma a karigu tal-intimati."

4. L-Avukat tal-Istat u s-Supritendent tas-Sahha Pubblika appellaw mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tad-29 ta' Mejju 2020 permezz ta' rikors datat 15 ta' Gunju 2020, u talbu lil din il-Qorti sabiex thassar, tannulla u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti sabet li b'effett tal-applikazzjoni tal-Avvizi

Legali 61/2020 u 65/2020 sehh ksur tad-drittijiet fondamentali tal-appellat kif protett bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u fejn sabet illi l-Avukat Generali ma kellux jistrieh fuq l-Avvizi Legali 61/2020 u 65/2020 sabiex ma jirrinvjax l-atti tal-Kumpilazzjoni Numru 720/2019 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u ma jissoktax is-smigh tal-istess kumpilazzjoni u fejn ordnat lill-appellanti jhallsu l-ispejjez kollha, filwaqt illi tikkonferma s-sentenza fil-bqija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat;

5. L-appellat prezenta r-risposta tieghu ghall-appell tal-Avukat tal-Istat u tas-Supritendent tas-Sahha Pubblika *fuori termine* u giet michuda t-talba tieghu ghall-awtorizazzjoni sabiex jipprezenta r-risposta tal-appell tardivament peress illi t-terminu ghall-prezentata huwa wiehed legali u ghalhekk ta' ordni pubbliku;

Ikkonsidrat;

**Is-Sentenza Appellata**

6. L-ewwel Qorti laqghat l-ewwel talba tal-appellat wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Dak li għandha quddiemha l-Qorti f'din il-kawża mhijiex talba għall-ħelsien tar-rikorrent mill-arrest preventiv, imma talba sabiex tindaga jekk (i) bl-għeluq tal-Qrati b'effett tal-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020 u s-sospensjoni sine die tas-smigħ tal-kumpilazzjoni li kienet għaddejja

fil-konfront tar-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja; (ii) bil-fatt li latti tal-kumpilazzjoni kienu jinsabu rinvjati għand l-Avukat Ġenerali li ma kienx bagħat l-atti tal-kumpilazzjoni lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja biex tkompli bil-kumpilazzjoni għaliex mal-għeluq tal-Qrati u r-reġistri ġew ukoll sospiżi t-termini legali u ġudizzjarji; u (iii) bil-mod kif ġew interpretati l-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020 permezz tad-digriet mogħti nhar it-8 ta' April 2020 mill-Qorti Kriminali, ġewx leżi d-drittijiet fundamentali tarrikorrent kif protetti bl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid li l-ebda persuna m'għandha tiġi mċaħħda mill-libertà personali tagħha ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi, meta inter alia jkun jeżisti suspett raġonevoli li hija tkun ikkommettiet, jew tkun sejra tikkommetti, reat kriminali. Jekk xi ħadd li jkun ġie arrestat jew detenut fuq suspett raġonevoli li jkun ikkommetta, jew li jkun sejjer jikkommetti, reat kriminali, ma jiġix iġġudikat fi żmien raġonevoli, f'dak il-każ, bla ħsara għal kull proċeduri oħra li jistgħu jinġiebu kontra tiegħu, huwa għandu jiġi meħlus jew bla kondizzjoni jew b'kondizzjonijiet raġonevoli, magħduda b'mod partikolari dawk il-kondizzjonijiet li jkunu meħtieġa raġonevolment biex jiġi żgurat li huwa jidher f'data aktar tard għall-kawża jew għall-proċeduri preliminari għall-kawża. Ebda ħaġa li hemm fi jew li tkun magħmula bl-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu sa fejn il-liġi inkwistjoni tawtorizza t-teħid matul dak il-perijodu ta' emerġenza pubblika skont ma huwa msemmi fil-paragrafu (a) jew (ċ) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' miżuri li jkunu raġonevolment ġustifikabbli sabiex tiġi affrontata s-sitwazzjoni li teżisti matul dak il-perijodu ta' emerġenza pubblika. 43 "Perijodu ta' emerġenza pubblika" jfisser kull perijodu li matulu - (a) Malta tkun qiegħda f'xi gwerra; jew (b) tkun isseħħ proklama mill-President li tiddikjara li jeżisti stat ta' emerġenza pubblika; jew (ċ) tkun isseħħ riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li jkun hemm jaqblu magħha l-voti ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-Membri kollha talKamra li tiddikjara li l-istituzzjonijiet demokratiċi f'Malta huma mhedda b'sovversjoni.

L-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jipprovdi illi kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna, u ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà tiegħu ħlief inter alia fejn l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effettwata ikunu saru sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat.

Ir-rikorrenti jikkontendi li d-deċiżjonijiet li ttieħdu mis-Suprintendent tasSaħħa Pubblika rigward il-pandemija tal-COVID-19, permezz tal-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020, kienu ta' preġudizzju għalih peress li qiegħed jinżamm arrestat mingħajr il-possibilità li tissokta l-Kumpilazzjoni Numru 720/19 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

bħala Qorti Istruttorja u għalhekk huwa qiegħed jinżamm arrestat arbitrarjament u b'mod indefinit bi ksur taddrittijiet fundamentali tiegħu ta' protezzjoni minn arrest illegali u arbitrarju kif sanċit permezz tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Min-naħa tagħhom l-intimati jsostnu illi jekk wieħed jeżamina l-ordnijiet li nħarġu mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'riferiment għall-Qrati, jidher biċ-ċar li filwaqt li permezz tal-imsemmija avviżi legali ngħalqu l-Qrati u r-reġistri b'effett mis-16 ta' Marzu, 2020, xorta waħda dawn l-avviżi legali ħasbu sabiex dawk il-kawżi li l-Qrati jħossu li huma urġenti jew ta' interess pubbliku jitkomplew u dan bis-salvagwardji kollha li l-qorti partikolari tista' timponi. Lintimati jissottomettu li fil-każ tar-rikorrenti, jirriżulta li anke meta r-reġistru u l-qrati kienu magħluqa, xorta waħda kull talba tar-rikorrenti għall-ħelsien millarrest ġiet appuntata, mismugħa u deċiża. Illi l-fatt li t-talba li għamel irrikorrenti sabiex tkompli l-kumpilazzjoni tiegħu ġiet miċħuda mill-Qorti minħabba konsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika, b'daqshekk ma jfissirx li lordnijiet tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'xi mod jiksru d-dritt tallibertà tar-rikorrenti. L-intimati jgħidu li l-ordnijiet maħruġa misSuprintendent tas-Saħħa Pubblika ma nħargux b'mod kapriċċuż, iżda nħarġu f'kuntest ta' pandemija sabiex tiġi protetta s-saħħa pubblika.

Ir-rikorrent iwieġeb għal dan billi jgħid li bid-digriet tagħha tat-8 ta' April, 2020, il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba tiegħu biex tissokta l-kumpilazzjoni abbażi li l-konsiderazzjoni tas-saħħa pubblika, inkluż tar-rikorrent innifsu, kellha tipprevali fuq kull konsiderazzjoni oħra. Il-Qorti Kriminiali qalet obiter li wara li 'qieset l-element tal-urġenza u l-interess pubbliku li l-kompilazzjoni ta' provi f'kawża kriminali ġġorr magħha f'keffa minnhom, kif ukoll id-delikatezza tas-sitwazzjoni u r-riskju tat-tixrid tal-marda COVID-19 jekk il-kompilazzjoni tiġi ordnata li tissokta ... għanda tipprevali l-konsiderazzjoni tas-saħħa pubblika ... inkluż dik tar-rikorrent innifsu'. Ir-rikorrent jissottometti li in vista tal-interpretazzjoni tal-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020 li ngħatat mill-Qorti Kriminali fid-digriet tagħha tat-8 ta' April, 2020, il-kontinwazzjoni taddetenzjoni tiegħu taħt arrest preventiv hija waħda arbitrarja, indefinita u ċċaħħdu minn li jikseb rimedju effettiv għar-reviżjoni tal-ħelsien, u dan b'leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet talBniedem kif moqri mal-artikolu 5(3) tal-istess Konvenzjoni u tal-artikolu 5(4) tal-istess Konvenzjoni.

Il-Qorti tqis li kull kumpilazzjoni fir-rigward ta' persuni li jinsabu taħt arrest preventiv, li pendenti li jiġu pproċessati huma preżunti li huma innoċenti sakemm ma jkunx hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tagħhom, kellha a priori tkun ikkunsidrata li hija urġenti, u ma kellhiex tkun soġġetta għal ebda proċedura ta' rikorsi dwar l-urġenza jew l-interess pubbliku. Tali proċeduri jistgħu jagħtu lok għal interpretazzjoni differenti minn ġudikanti differenti talAvviżi Legali 61/2020 u 65/2020, jekk mhux ukoll jistgħu jwasslu għal deċiżjonijiet kunfliġġenti u

inkonsistenti. Dan meta s-sitwazzjoni fejn is-smigħ tal-kumpilazzjonijiet kollha kien jinsab sospiż sine die, kienet waħda identika għal kull min kien jinsab taħt arrest preventiv. Għalhekk l-imsemmija kumpilazzjonijiet kellhom jitqiesu a priori li kienu kollha urġenti, għaliex in segwitu għall-promulgazzjoni tal-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020, il-persuni kollha li kienu jinsabu taħt arrest preventiv, spiċċaw fl-istess sitwazzjoni, bis-smigħ tal-kumpilazzjoni tagħhom sospiż sine die b'mod indefinit. Dan apparti li kellu jkun ikkunsidrat li f'kull każ kien hemm involuti l-istess konsiderazzjonijiet bażiċi ta' kif f'sitwazzjoni ta' pandemija u ta' emerġenza ta' saħħa pubblika, għandu jinżamm bilanċ xieraq u ġust bejn konsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika u d-drittijiet fundamentali tal-individwu. Bl-applikazzjoni tal-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020 mill-ġudikant fuq talba ad hoc permezz ta' rikors, inħolqot sitwazzjoni anomala fejn is-smigħ u l-produzzjoni ta' provi f'ċerti kumpilazzjonijiet fil-konfront ta' persuni arrestati, tkompla anki fil-każ ta' persuni li kienu ġew meħlusa mill-arrest fuq pleġġ, u f'kumpilazzjonijiet oħrajn ta' persuni li jinsabu taħt arrest preventiv, is-smigħ ma tkomplix u kien jinsab sospiż sine die, bħal fil-każ tar-rikorrent.

Tqis ukoll li fejn il-liġi tal-pajjiż tippermetti ċ-ċaħda tal-libertà, tali liġi trid tkun suffiċjentement aċċessibbli, preċiża u prevedibbli fl-applikazzjoni tagħha, sabiex jiġi evitat kull riskju ta' arbitrarjetà. F'tali liġi għandu jkun hemm salvagwardji kontra l-arbitrarjetà li jkunu jinkludu l-eżistenza ta' dispożizzjonijiet legali ċari sabiex tiġi ordnata d-detenzjoni, tiġi estiża ddetenzjoni u sabiex jiġu stabbiliti limiti taż-żmien għad-detenzjoni. Dispożizzjonijiet tal-liġi ċari u l-prinċipju taċ-ċertezza legali, għandhom ifissru li l-liġi nnifisha għandha tkun prevedibbli fl-applikazzjoni tagħha. Issospensjoni sine die, ossija t-twaqqif għalkollox taż-żmien għas-smigħ ta' kumpilazzjoni, ma jista' qatt jitqies li huwa wieħed raġonevoli. Fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Ammur v. France48 u Baranowski v. Poland49 jingħad li l-fatt li d-detenzjoni tkompli għall-perijodu illimitat u mhux prevedibbli, għandu jitqies li jmur kontra l-prinċipju taċ-ċertezza legali.

Tqis ukoll illi fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Medvedyev v. France ntqal li huwa essenzjali:

> "that the conditions for deprivation of liberty under domestic law and/or international law be clearly defined and that the law itself be foreseeable in its application, so that it meets the standard of 'lawfulness' set by the Convention, a standard which requires that all be sufficiently precise to avoid all risk of arbitrariness and to allow the citizen – if need be, with appropriate advice – to forsee, to a degree that is reasonable in the circumstances of the case, the consequences which a given action may entail."

Ikkunsidrat ukoll illi fis-sentenza fl-ismijiet Edwin Bartolo et vs. Aġent Reġistratur tal-Qrati et il-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) ġie ddikjarat li bid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati fuq rikorsi tar-rikorrenti biex tiġi akkordata lilhom il-libertà provviżorja, f'liema digriet irriservat li tipprovdi dwar it-talba għal-libertà provviżorja fl-ewwel seduta tal-kumpilazzjoni,

u dan meta ma kienx hemm data ffissata għal dik is-seduta, saret vjolazzjoni fil-konfront tarrikorrenti, tad-dritt fundamentali għal-libertà personali sanċita bl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u 34 tal-Kostituzzjoni u ordnat li l-Qorti talMaġistrati tittratta r-rikors tagħhom. Fuq appell tal-intimati, l-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, però billi fil-frattemp ir-rikors għal-libertà provviżorja kien ġie ttrattat u deċiż, ġie ddikjarat eżawrit il-mertu tal-ordni mogħti mill-Prim Awla.

Tqis dak li intqal mill-European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment - "Any restrictive measure taken vis-à-vis persons deprived of their liberty to prevent the spread of COVID-19 should have a legal basis and be necessary, proportionate, respectful of human dignity and restricted in time."

Tqis ukoll dak li ntqal minn Free Trials International - "The administration of justice cannot come to a total standstill, whatever the circumstances. It is essential that states continue to carry out essential functions, including the processing of criminal cases, and safeguarding the rights and welfare of criminal defendants, especially those who are detained. Many states have temporarily postponed all non-urgent court hearings, but with no clear end of the crisis in sight, various jurisdictions across the world are seeking ways to keep the courts running through means of remote access, including via videolink or telephone hearings. We welcome the fact that states are taking extraordinary measures to keep their criminal justice systems operational, preventing lengthy delays in criminal proceedings, and ensuring that urgent matters, such as pre-trial detention hearings, are not postponed."

Tqis ukoll illi meta l-intimata s-Suprintendent għas-Saħħa Pubblika xehdet f'din il-kawża u ġiet mistoqsija mill-Qorti dwar is-sitwazzjoni ta' persuni li jinsabu taħt arrest preventiv, dwar min qiegħed jagħmel l-assessment tal-pożizzjoni tagħhom, dwar x'miżuri jistgħu jittieħdu biex il-kumpilazzjonijiet tagħhom jkunu jistgħu jissoktaw, jekk dan ikun possibbli li jsir jekk jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha li jistgħu jittieħdu, hija wieġbet li dan l-assessment mhuwiex fil-kompitu tagħha għax hija min-naħa ta' saħħa pubblika. Qalet li però l-Legal Notice tagħti l-lok li l-Qorti tiddeċiedi li fejn ikun hemm każijiet urġenti jew inkella ta' interess pubbliku, dawk il-każijiet jistgħu jinstemgħu u min-naħa tas-Suprintendenza ngħataw pariri ta x'inhuma il-miżuri li għandhom jittieħdu proprju f'dik iċ-ċirkostanza.

Illi fir-rigward tad-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-8 ta' April, 2020, tqis illi f'sitwazzjoni ta' emerġenza ta' saħħa pubblika, il-Qrati m'għandhomx jitpoġġew fil-pożizzjoni li jkollhom jidħlu fil-mertu dwar jekk il-konsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika għandhomx jipprevalu fuq id-drittijiet fundamentali tal-individwu, għax bl-istess argument l-ebda kumpilazzjoni m'għandu jitkompla s-smigħ tagħha, jekk fi kwalunkwe każ għandhom jipprevalu l-konsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika fuq kull konsiderazzjoni oħra. Tirrileva illi l-Qrati għandhom jiddeċiedu biss

dwar l-elementi tal-urġenza u tal-interess pubbliku fl-ambitu tal-Avviżi Legali 61 u 65, u f'każ li tiġi milqugħa t-talba dwar l-urġenza u/jew l-interess pubbliku, huwa l-kompitu tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika li għandha tiżgura li f'sitwazzjoni fejn il-Qrati jinsabu magħluqa fuq ordni tagħha stess, li tiddeċiedi kif u b'liema mod għandhom jiġu organizzati l-awli u l-kurituri tal-Qrati u liema miżuri preventivi u ta' mitigazzjoni għandhom jittieħdu, sabiex ikunu jistgħu jinstemgħu kawżi ta' natura urġenti u/jew ta' interess pubbliku.

Illi fil-fehma kunsidrata tal-Qorti, ir-risk assessment dwar il-parti tal-bini tal-Qorti li hija aċċessibbli għall-pubbliku, awli, kurituri eċċ, f'xenarju reali u mhux ipotetiku, fejn il-kumpilazzjonijiet kollha li jinvolvu persuni li jinsabu taħt arrest preventiv, għandu jissokta s-smigħ tagħhom, kellu jsir mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika u mhux ikunu l-Qrati li jridu jevalwaw jekk konsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika għandhomx jipprevalu fuq id-drittijiet fundamentali tal-individwu jew jekk fil-kurituri u fl-awli tal-Qorti hemmx ambjent sigur biżżejjed li jkun jippermetti li s-smigħ tal-kumpilazzjonijiet kollha ta' persuni li jinsabu taħt arrest, jissokta b'mod immedjat u ma jibqax sospiżi sine die. Mhuwiex ġust li ntefa' dan l-oneru fuq il-Qrati permezz talartikolu 3(2) tal-Avviżi Legali 61/2020, fejn jingħad li s-smigħ ta' kawżi urgenti u jew fl-interess pubbliku huwa "soġġett għal xi arranġamenti speċifiċi għall-ħarsien kontra u, jew għall-kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv li l-Qorti tista' tiddetermina". Ċertament li m'għandux ikun il-kompitu tal-Qrati li jevalwaw ir-riskji għal dik li hija saħħa pubblika fis-sitwazzjoni preżenti, u jekk l-ambjenti tal-Qrati humiex adegwatament sikuri fiċ-ċirkostanzi u x'miżuri ta' mitigazzjoni għandhom jittieħdu għal dan il-għan. Dan huwa strettament il-kompitu tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika u tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati, li għandhom jiżguraw li jsir l-isemmi risk assessment sabiex issistema ġudizzjarja ta' pajjiżna, anki permezz ta' użu aktar mifrux u effettiv tat-teknoloġija tal-informatika, tkun tista' tiffunzjona b'mod sikur f'sitwazzjoni fejn is-smigħ tal-kumpilazzjonijiet kollha fil-konfront ta' persuni li jinsabu taħt arrest preventiv, ma jibqax sospiż sine die, u jkun jista' jissokta b'mod immedjat.

Il-Qorti hija tal-fehma li m'għandhiex tidħol fil-mertu ta' jekk fil-kuntest preżenti tal-pandemija COVID-19 kellhiex tiġi dikjarata emerġenza pubblika ai termini tal-artikoli 47(2)(b) u 34(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Imma l-Qorti tqis li ladarba fis-sitwazzjoni preżenti ma nħarġitx Proklama mill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta skont l-artikolu 47(2)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, imma ġiet iddikjarata biss emerġenza tas-saħħa pubblika ai termini talartikolu 14 tal-Att dwar is-Saħħa Pubbllika, il-kumpilazzjonijiet ta' persuni li jinsabu taħt arrest preventiv ma setgħux jiġu sospiżi sine die b'mod indefinit bi ksur tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti tqis illi sabiex iseħħ dak li ġie kkontemplat mill-intimati finnota ta' sottomissjonijiet tagħhom, illi konsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika, u dak li l-intimati jsejħu "id-dritt għall-ħajja", jipprevalu fuq id-drittijiet fundamentali tal-persuna, kellha tinħareġ Proklama mill-

Eċċellenza Tiegħu President ta' Malta ai termini tal-artikoli 47 u 34 tal-Kostituzzjoni u jiġi dikjarat stat ta' emerġenza nazzjonali u tintalab deroga ai termini tal-artikolu 15 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Fi Stat ta' Dritt u f'sitwazzjoni fejn ma jkunx ġie dikjarat stat ta' emerġenza pubbblika permezz ta' Proklama mill-Eċċellenza Tiegħu President ta' Malta, id-dispożizzjonijiet tal-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020, jibqgħu soġġetti għal u m'għandhomx jitqiesu li huma 'l fuq mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanċiti fl-artikoli 34 u 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 5 talKonvenzjoni Ewropea.

Ir-rikorrent isostni li huwa m'għandux reviżjoni effettiva tal-arrest tiegħu peress li l-Avukat Ġenerali ma kienx bagħat lura l-atti tal-Kumpilazzjoni Numru 720/19 sabiex ikun jista' jissokta s-smigħ tagħha quddiem il-Qorti talMaġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, għaliex qiegħed jgħid li mal-għeluq tal-Qrati u r-reġistri, ġew ukoll sospiżi t-termini legali u ġudizzjarji. Kif ppronunzjat ruħha diġà, il-Qorti tqis illi s-sospensjoni indefinita tas-smigħ talkumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrent ai termini tal-Avviżi Legali 61 u 65 tal2020, illediet d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti bl-artikolu 34 u 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u għalhekk tqis ukoll li l-Avukat Ġenerali ma kellux jistrieħ fuq l-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020 sabiex ma jirrinvjax l-atti tal-kumpilazzjoni quddiem ilQorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u jkun jista' jissokta s-smigħ tal-kumpilazzjoni

Tqis ukoll illi ladarba li bir-rimedju li ser jingħata b'din is-sentenza, għandha titneħħa s-sospensjoni sine die tas-smigħ tal-kumpilazzjoni fil-konfront tarrikorrent u l-atti tal-kumpilazzjoni jiġu rinvjati mill-Avukat Ġenerali quddiem ilQorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, hija l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li qegħdin jinstemgħu l-provi quddiemha, li tinsab fl-aħjar pożizzjoni li tagħmel reviżjoni tal-ħelsien mill-arrest tarrikorrent skont il-liġi."

## L-Aggravji tal-Appellanti

7. L-appellanti ressqu hames aggravji mis-sentenza tal-ewwel Qorti. Peress illi dawn l-aggravji huma pjuttost konnessi, il-Qorti tqis illi jkun utli li tittratahom flimkien.

8. L-appellanti jargumentaw illi l-ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-Qorti Kriminali kienet awtorizzat lill-Avukat Generali jibghat l-atti tal-kumpilazzjoni ghat-tkomplija tas-smigh tal-kumpilazzjoni permezz ta' digriet tad-19 ta' Mejju 2020, ghaliex dan kien ifisser illi meta l-ewwel Qorti ordnat li titnehha s-sospensjoni u jigu rinvijati lura l-atti tal-kumpilazzjoni lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja l-istess atti kienu diga gew rinvijati. Skont huma dan huwa fatt krucjali peress illi juri illi l-avvizi legali li fuqhom qieghed jibni l-azzjoni l-appellat fil-fatt jipprovdu s-salvagwardji u l-garanziji necessarji sabiex kawzi li l-Qorti jidhirlha li fin-natura taghhom huma urgenti u fl-interess pubbliku jinstemghu, tant illi l-kumpilazzjoni tal-appellat kompliet tinstema' waqt illi l-qrati kienu ghadhom maghluqin, u cioe` fl-1 ta' Gunju 2020.

9. L-appellanti jilmentaw ukoll illi l-ewwel Qorti ma tatx id-dovuta konsiderazzjoni u ma zammitx bilanc gust bejn id-drittijiet involuti fil-kuntest ta' emergenza ta' sahha pubblika, u jsostnu illi l-ewwel Qorti iffokat biss fuq aspett wiehed u cioe` d-drittijiet tal-appellat, meta f'kuntest ta' emergenza ta' sahha pubblika kellha taghmel ezami ferm aktar wiesgha ghaliex il-bilanc li jrid jinzamm jinvolvi ferm aktar individwi. Skont l-appellant l-ewwel Qorti accennat illi peress illi ma saritx il-proklama mill-President ta' Malta, l-emergenza ta' sahha pubblika ma tezistix, meta l-virus tal-Covid-19 gie klassifikat bhala pandemija mill-World Health

Organisation. Jghidu illi skont l-Artikolu 27 tal-Kapitolu 465 tal-Ligijiet ta' Malta s-Supretendent tas-Sahha Pubblika ghandha poteri vasti sabiex tespleta l-funzjoni taghha ta' protezzjoni tas-sahha pubblika u li l-Artikolu 14 jahseb ghal dikjarazzjoni ta' emergenza li filfatt kienet inharget permezz tal-Avviz Legali 115 tal-2020. L-appellanti jsostnu illi l-ewwel Qorti kellha tinkwadra l-poteri li uzat is-Supretendent tas-Sahha Pubblika fil-kuntest tal-imxija u l-biza reali li kien hawn fil-pajjiz u ghalhekk kellha tiehu kont tal-obbligu posittiv tal-Istat li jipprotegi l-hajja skont l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni, u jargumentaw illi meta jkun hemm kunflitt bejn dan id-dritt u d-dritt ghall-liberta, l-mizien ghandu certament ixaqleb lejn il-protezzjoni tal-hajja, u illi l-Istat zamm bilanc gust bejn dawn iz-zewg drittijiet.

10. Permezz tat-tielet aggravju taghhom l-appellanti jargumentaw illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabet lezjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni. L-appellanti jsostnu illi d-detenzjoni tal-appellant hija necessarja sabiex jigi assigurat illi ma jahrabx min Malta u l-perjodu ta' detenzjoni kollu kien wiehed permess kemm mill-Konvenzjoni u kemm mill-Kostituzzjoni. Jenfasizzaw illi l-appellant ghamel diversi rikorsi ghal helsien mill-arrest, u d-digrieti li cahdu dawn ir-rikorsi kienu kollha studjati u motivati u ghalhekk l-appellant jaf sew ir-raguni ghaliex qieghed jinzamm taht arrest. L-appellant jargumentaw illi l-Avvizi Legali 61 u 65 tal-2020 inhargu ghaliex

il-virus Covid-19 jittiehed facilment u r-riskju li l-virus jinfirex fil-Qorti, fejn ikun hemm koncentrazzjoni ta' nies, huwa gholi, u ghalhekk dawn l-avvizi legali ma nhargux b'mod kapriccuz izda f'kuntest ta' pandemija sabiex tigi protetta s-sahha pubblika. Skont l-appellant, il-fatt li dawn l-avvizi legali ma kienux jikkontjenu terminu ma jfissirx illi l-gheluq tal-Qorti u r-Registru sar b'mod kapriccuz jew illi ma giex mizmum bilanc gust sabiex jigarantixxi l-access ghall-Qorti, ghaliex dawn l-Avvizi Legali kienu jipprovdu ghal possibilta illi jekk il-Qorti tqis illi s-smigh huwa urgenti jew fl-interess pubbliku, l-kaz jinstemgha' xorta wahda, u filfatt l-appellant stess ipprevalixxa ruhu mill-possibilita li jinghata smigh tat-talbiet tieghu ghall-liberta provvizorja u tal-istess kumpilazzjoni fiz-zmien meta l-Qrati kienu maghluqa. L-appellanti jsostnu wkoll illi ilment dwar ksur tad-dritt ghal liberta dejjem irid jigi ezaminat fl-ispecifiku u mhux b'mod astratt jew vag, u fil-kaz odjern l-appellant stess ma jikkontestax illi minn meta tressaq taht arrest fit-30 ta' Novembru 2019 sal-20 ta' Frar 2020 saru numru konsiderevoli ta' seduti fejn xehdu diversi xhieda, u illi l-kontestazzjoni tal-appellat tirrigwarda l-waqfien tal-kumpilazzjoni mis-16 ta' Marzu sal-prezentata tal-kawza odjerna, u cioe` perjodu ta' xahar u nofs, meta f'Malta fegget l-imxija ta' pandemija Covid-19.

11. Permezz tar-raba' aggravju taghhom l-appellanti jargumentaw illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet illi l-Avukat Generali ma kellux ihares l-Avvizi Legali 61 tal-2020 u 65 tal-2020. Jsostnu illi dawn l-

avvizi legali jorbtu lil kulhadd, inkluz lil Avukat Generali li kien marbut li jhares id-dettami ta' dawn l-avvizi legali, tant illi sabiex l-atti gew rinvjati lilu intavola rikors skont l-Artikolu 3(2) tal-Avviz Legali 61 tal-2020 fejn talab li jsir ir-rinvijar minkejja li fi zmien emergenza pubblika, u ottempera ruhhu mal-ordni tal-Qorti Kriminali meta t-talba tieghu giet milqugha.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

12. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi fil-fehma taghha l-ilment tal-appellat huwa pjuttost astratt u akkademiku. Skont l-appellat, huwa sofra ksur tad-dritt tieghu ghal-liberta ghaliex il-promulgazzjoni tal-Avviz Legali numru 61 tal-2020 u l-Avviz Legali numru 65 tal-2020 waslu ghad-detenzjoni indefinita tieghu minhabba l-gheluq tal-Qrati u r-Registru ghal zmien indefinit. Illi pero` mill-provi jirrizulta manifestament il-kuntrarju. L-ewwel nett, l-avvizi legali inkwistjoni hallew fid-diskrezzjoni tal-Qorti d-decizjoni jekk ghandhiex tinstema' kawza u jekk ghandhiex tigi awtorizzata l-prezentata ta' atti fir-Registru minkejja l-gheluq tal-Qrati u r-Registru u ghalhekk hallew il-possibilita kemm illi l-kumpilazzjoni tieghu tissokta, u kemm illi tibqa' tigi ezaminata n-necessita tad-detenzjoni kontinwata tieghu. Filfatt, l-appellat prezenta diversi rikorsi ghall-helsien mill-arrest, u dawn gew kollha ezaminati mill-Qorti u decizi permezz ta' digrieti cari, dettaljati u studjati li ghamlu "*individualised determination*"[1] tas-

[1] **Andrei Sannikov v. Belarus** (UNHRC, 14/05/2018); **Cosme Ignacio Marino Demonte v. Argentina** (UNHRC, 18/09/2018).

sitwazzjoni tieghu u elenkaw ir-ragunijiet ghalfejn l-appellat kien qieghed ikompli jigi mizmum taht arrest, u dan f'qasir zmien. Ghalhekk ma jistax jinghad illi d-detenzjoni kontinwata tieghu ma kienetx soggetta ghal ri-ezami minhabba d-dhul fis-sehh ta' dawn l-Avvizi Legali. Barra minn hekk, in vista tal-eccezzjoni ghall-ordni tal-gheluq tal-Qrati u r-Registru, il-Qorti Kriminali ordnat illi tissokta l-kumpilazzjoni kontra l-appellat fid-19 ta' Mejju 2020 u cioe` waqt illi l-Qrati ghadhom maghluqa, u b'hekk sar ir-rinviju u l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja tkomplew waqt illi l-Qrati maghluqa u proprju qabel ma giet deciza din il-kawza in prim istanza.

13. Ghalhekk l-ilment tal-appellat diga ma jistghax iwassal ghal sejbien ta' ksur ta' drittijiet fundamentali ghaliex din mhijiex *actio popolaris* fejn kien ikun permess lilu li jilmenta minn ligi li jqis illi tmur kontra l-Kostituzzjoni minkejja li ma taffetwahx personalment, u ghalhekk kien jehtieg lil appellat illi juri li huwa personalment u effettivament sofra l-ksur tal-Kostituzzjoni jew Konvenzjoni ilmentat minnu. Dan filfatt jinsab ikkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Conrad Axisa et v. Avukat Generali et** (Kost. 07/08/2013) fejn gie deciz illi:

> "Il-qorti inoltre tirrepeti li l-kawżi kostituzzjonali ma humiex eżerċizzji akkademiċi sabiex fihom jiġi eżaminat xi punt legali flastratt u l-qorti tagħti l-opinjoni tagħha dwaru, iżda f'kawża kostituzzjonali, li bħall-kawża odjerna ma tkunx tinkwadra bħala actio popolaris, persuna interessata tilmenta minn fatti, li jridu jiġu pruvati, li permezz tagħhom allegatament ikun ġie miksur xi dritt fundamentali tagħha liema allegazzjoni tkun kontrastata mill-persuna intimata, u l-qorti tiġi mitluba tiddeċiedi l-vertenza li konsegwenzjalment ikun żviluppat."

14. Dan jinsab ukoll enuncjat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, fejn per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Fairfield and Others v. the United Kingdom** (QEDB, 08/05/2005) gie rrilevat illi:

> “Article 34 requires that an individual applicant should claim to have been actually affected by the violation he alleges (see Ireland v. the United Kingdom, judgment of 18 January 1978, Series A no. 25, pp. 90-91, §§ 239-40, and Klass and Others v. Germany, judgment of 6 September 1978, Series A no. 28, pp. 17-18, § 33); it does not institute for individuals a kind of actio popularis for the interpretation of the Convention or permit individuals to complain against a law simply because they feel that it contravenes the Convention (see Norris v. Ireland, judgment of 26 October 1988, Series A no. 142, pp. 15-16, § 31, and Sanles Sanles v. Spain (dec.), no. 48335/99, ECHR 2000-XI). The same applies to events or decisions which are alleged to infringe the Convention.”

15. Detto dan, il-Qorti tqis illi l-ilment tal-appellat huma nfondat anke jekk jigi accettat illi huwa gie personalment effettivament milqut bil-mizuri impunjati minnu.

16. Jibda billi jinghad, b’referenza ghall-argument tal-appellat relattiv ghall-emergenza pubblika, il-Qorti tirrileva illi fil-kaz inkwistjoni l-Istat, bhal diversi Stati ohri Ewropej, ghazel illi ma jiddikjarax stat ta’ emergenza pubblika izda stat ta’ emergenza ta’ sahha pubblika. Dikjarazzjoni ta’ stat ta’ emergenza ta’ sahha pubblika ma tehtiegx illi ssir mill-President ta’ Malta, ghaliex tali dikjarazzjoni issir mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika ai termini tal-Artikolu 14 tal-Kapitolu 465 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-Artikolu 2 tal-Kapitolu 465 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi t-terminu

"emergenza ta' sahha pubblika" ifisser "sitwazzjoni li fiha jkun attwali jew imminenti riskju fis-sahha pubblika" u huwa indiskuss illi l-pandemija kkawzata mill-virus Sars-Cov-2 tipprezenta riskju attwali fis-sahha pubblika li tiggustifika d-dikjarazzjoni ta' emergenza ta' sahha pubblika. Skont l-Artikolu 15 (c) imbaghad, waqt emergenza ta' sahha pubblika is-Suprintendent tas-Sahha Pubblika ghandha s-setgha illi tipprevenji d-dhul f'xi inhawi, u ghalhekk l-gheluq tal-Qorti u r-Registru kienet kwistjoni li taqa' entro l-parametri tal-poteri moghtija lis-Suprintendent tas-Sahha mil-ligi, liema ligi m'hijiex qed tigi impunjata mill-appellat. Il-Qorti tqis illi l-fatt li s-Supretendent tas-Sahha Pubblika ddikjarat stat ta' emergenza ta' sahha pubblika huwa fattur favorevoli ghall-appellat ghaliex dan jillimita l-estent tar-restrizzjonijiet u interferenzi fil-godiment ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem li l-Istat kien ikun jista' legalment jimponi fuq ic-cittadin. Ghalhekk dan l-argument tal-appellat huwa evidentement infondat.

Ma' dan jizdied illi l-istess subinciz 2 tar-regolament 3 tal-Avviz Legali 61 tal-2020 jghid

> "(2) Kull ordni maħruġa skont is-subartikolu (1) ma għandux jippreġudika s-setgħa ta' kwalunkwe qorti li tordna l-ftuħ tar-reġistru tagħha, is-smigħ ta' kwalunkwe każ u kull ħaġa konsegwenzjali u inċidentali għaliha f'każijiet urġenti jew f'każijiet fejn tqis li l-interess pubbliku biex il-każ jinstema' għandu jipprevali, soġġett għal xi arranġamenti speċifiċi għall-ħarsien kontra u, jew għall-kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv hekk kif il-qorti tista' tiddetermina".

Id-diskrezzjoni thalliet f'iden il-Qorti tkomplix tisma kawzi minhabba interess pubbliku jew urgenza. Is-Supretendent ghalqet il-bini tal-Qorti imma kien fid-diskrezzjoni tal-Qorti tkompliex tisma kawzi.

17. L-ghazla tal-mizuri idoneji ghat-trazzin tal-imxija tal-virus Sars-Cov-2 f'Malta hija kwistjoni mhollija fil-margini ta' diskrezzjoni tal-Istat u m'huwiex il-kompitu tal-Qorti illi tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Istat u tiddetermina hi liema kienu jkunu dawk il-mizuri idoneji jew idejali sabiex jintlahaq dan l-ghan. Dak li trid tiddetermina l-Qorti huwa jekk il-mizuri imposti mill-Istat jirrispettawx il-jeddijiet fondamentali tal-appellat garantiti fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea. It-tfittxija ghalhekk m'hijiex ghall-legislazzjoni perfetta minn kull punt di vista, jew ghall-legislazzjoni li kien jippromulga l-gudikant li kieku kien il-legislatur hu, izda ghall-legislazzjoni li tirrispetta d-drittijiet fondamentali tal-bniedem u tohloq u tilhaq il-bilanc rikjest bejn id-drittijiet tal-individwu u l-interessi l-ohra involuti. Kif intqal mill-Qorti Ewropea fis-sentenza fl-ismijiet **Koufaki and Others v. Greece** (QEDB, 07/05/2013):

> "Provided that the legislature remains within the bounds of its margin of appreciation, it is not for the Court to say whether the legislation represented the best solution for dealing with the problem or whether the legislature's discretion should have been exercised in another way (see James and Others, cited above, § 51, and J.A. Pye (Oxford) Ltd v. the United Kingdom, no. 44302/02, § 45, 15 November 2005)."[2]

[2] Ara wkoll **Brannigan and McBride v. The United Kingdom** (QEDB, 26/05/1993).

18. Partikolarment meta l-interessi l-ohra involuti jirrigwardaw il-protezzjoni tas-sahha pubblika, l-Istat ghandu margini ta' diskrezzjoni wiesgha fir-rigward ta' dawk il-mizuri li jista' jimponi sabiex jilhaq l-ghan intiz, u dan specjalment fil-kuntest ta' stat ta' emergenza ta' sahha pubblika. Dan *multo magis* ikkonsidrat illi f'dak li huwa it-trazzin tal-imxija ta' mard infettiv li jhedded serjament is-sahha tal-popolazzjoni dawn il-mizuri jkunu ttiehdu fuq il-parir ta' esperti xjentifici, kif jirrizulta li gara f'dan il-kaz mix-xhieda tal-Professur Gauci, u ghalhekk il-Qorti ghandha tezercita certu kawtela fejn si tratta ta' opinjoni teknika u medika sakemm din ma tkunx tidher li hija manifestament irragjonevoli.

19. Barra minn hekk, fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti naqset milli taghti d-dovuta konsiderazzjoni lill-fatt illi l-mizuri impunjati kienu ttiehdu fil-kuntest ta' emergenza ta' sahha pubblika u kienu intizi sabiex jipprevjenu u jillimitaw l-imxija ta' marda novella u estremament infettiva kkawzata mill-virus Sars-CoV-2. Dan m'huwiex il-kaz fejn is-salvagwardja tas-sahha dejjem tipprevali u ghalhekk iggib fix-xejn il-bqija tad-drittjiet fondamentali kif irragunat l-ewwel Qorti, izda kaz fejn, peress illi hemm interessi generali legittimi x'jittiehdu in konsiderazzjoni, l-Istat, inkluz l-organu gudizzjarju tieghu, ghandu jibbilancja dawn l-interessi generali legittimi ma' drittijiet tal-individwu li jistghu talvolta jkunu konfliggenti. L-ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi fejn jidhol id-dritt ghall-hajja, l-Istat ghandu wkoll obbligi pozittivi li jinkludu l-protezzjoni tal-

individwu minn theddid li hu ragonevolment prevedibbli, bhal ma huwa l-virus Sars-CoV-2. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak illi ntqal mill-Human Rights Committee tan-Nazzjoni Uniti fis-sens illi

> "…*the right to life had been too often narrowly interpreted and that it could not properly be understood in a restrictive manner, and that the protection of the right required that States adopt positive measures. The Committee considers that the right to life concerns the entitlement of individuals to be free from acts and omissions that are intended or may be expected to cause their unnatural or premature death, as well as to enjoy a life with dignity. Furthermore, the obligation of States parties to respect and ensure the right to life extends to reasonably foreseeable threats and life-threatening situations that can result in loss of life. States parties may be in violation of article 6 even if such threats and situations do not result in loss of life*."[3]

20. Il-Qorti taghraf illi tant il-protezzjoni tas-sahha pubblika hija kkonsidrata bhala ghan legittimu illi l-Konvenzjoni Ewropea stess tippermetti d-detenzjoni ta' persuni mhux ghaliex ikunu [suspettati li] ikkomettew reat izda biss sabiex tigi prevenuta l-imxija ta' mard infettiv. Dan basta illi tkun mizura ta' *last resort*, ikun hemm relazzjoni ta' proporzjonalita` bejn il-mizuri li jkunu ttiehdu mill-Istat u l-ghan li ghalihom ikunu ttiehdu billi jinzamm bilanc bejn il-bzonn li jigi assigurat li mard infettiv ma jinxteridx u d-dritt ghal liberta tal-persuna kkoncernata u basta illi tkun tipperdura biss ghaz-zmien sakemm tkun strettament necessarja. F'dan ir-rigward il-Professur Alistair Mowbray jispjega illi:

> "These well established criteria provide a sensible balance between the right of individuals to their liberty and States' responsibility to protect their populations from the ever present threat of deadly infections (both ancient ones such as tuberculosis, which is becoming prevalent again

[3] **Nell Toussaint v. Canada** (UNHRC, 30/08/2018).

in many parts of Europe, and the potential of newly emerging ones, for example Asian bird-flu)." [4]

21. Huwa minnu illi dan m'huwiex direttament applikabbli f'dan il-kaz peress illi l-appellat ma huwiex qieghed jigi detenut ghaliex huwa nnifsu huwa aflitt minn xi marda infettiva, izda minn dan l-artikolu u l-gurisprudenza relattiva wiehed jista' jislet principji applikabbli ghall-kaz odjern. Primarjament din il-Qorti tosserva illi huwa car illi restrizzjonijiet fir-rigward tad-dritt ghal liberta huma permissibli fejn dawn ikunu inghataw effett sabiex l-Istat josserva l-obbligu tieghu illi jipprotegi s-sahha pubblika mill-imxija ta' mard infettiv, u dan dejjem sakemm il-mizuri adottati mill-Istat ghas-salvagwardja tal-hajja u s-sahha pubblika jkunu necessarji sabiex jintlahaq l-ghan legittimu li ghalih ittiehdu u jkun intlahaq bilanc gust bejn dawn il-mizuri u d-dritt tal-individwu ghall-liberta. Illi filfatt, jinsab rikonoxxut mill-United Nations Economic and Social Council illi s-salvagwardja tas-sahha pubblika:

"*may be invoked as a ground for limiting certain rights in order to allow a State to take measures dealing with a serious threat to the health of the population or individual members of the population*."

22. Anke skont is-Siracusa Principles, mizuri mehuda mill-Istat ghas-salvagwardja tas-sahha pubblika huma legittimi fejn ikunu intizi sabiex jipprevjenu l-mard u jipprotegu lil popolazzjoni, jew membri individwali taghha, minn theddid serju ghas-sahha, u dan dejjem jekk ikunu

[4] A. Mowbray, 'Compulsory Detention to Prevent the Spreading of Infectious Diseases,' Human Rights Law Review 5:2 (2005) 390.

konsonanti mar-rekwiziti imsemmija fil-paragrafu numru 10, inter alia legalita, necessita u proporzjonalita. Il-paragrafu 25 espressament jipprovdi illi:

> "*Public health may be invoked as a ground for limiting certain rights in order to allow a State to take measures dealing with a serious threat to the health of the population or individual members of the population. These measures must be specifically aimed at preventing disease or injury or providing care for the sick and injured*."[5]

23. Filfatt, ezami komparattiv tal-gurisprudenza ta' diversi pajjizi demokratici juri illi mizuri mehuda sabiex tigi protetta s-sahha pubblika fil-kuntest ta' mard infettiv huma kkonsidrati bhala legittimi, u ma jirraprezentawx ksur ta' drittijiet fondamentali fejn dawn il-mizuri jkunu jirrizultaw li huma necessarji u proporzjonali.

24. Hekk per ezempju, l-Qrati tal-Istati Uniti ilhom jirrikonoxxu l-poter tal-Istat illi jintroduci mizuri li jillimitaw d-drittijiet fondamentali jekk dawn ikunu necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha pubblika sa mis-seklu dsatax b'applikazzjoni tal-principju *salus populi suprema lex*. Fis-sentenza fl-ismijiet **Seavey v. Preble** (1874) il-Qorti Suprema ta' Maine irrilevat illi:

> "*When the small-pox or any other contagious disease exists . . . the law demands the utmost vigilance to prevent its spread…Salus populi suprema lex-the safety of the people is the supreme law*."

[5] UN Commission on Human Rights, *The Siracusa Principles on the Limitation and Derogation Provisions in the International Covenant on Civil and Political Rights*, 28 September 1984, E/CN.4/1985/4.

25. Dan ghaliex, kif gie spjegat fis-sentenza **Jacobson v. Massachusetts** (Qorti Suprema tal-Istati Uniti, 1905):

> "…*the liberty secured by the Constitution of the United States to every person within its jurisdiction does not import an absolute right in each person to be, at all times and in all circumstances, wholly freed from restraint. There are manifold restraints to which every person is necessarily subject for the common good. On any other basis organized society could not exist with safety to its members. Society based on the rule that each one is a law unto himself would soon be confronted with disorder and anarchy."*
>
> …*in every well-ordered society charged with the duty of conserving the safety of its members the rights of the individual in respect of his liberty may at times, under the pressure of great dangers, be subjected to such restraint, to be enforced by reasonable regulations, as the safety of the general public may demand*."

26. Illum il-gurnata, il-protezzjoni tas-sahha pubblika minn mard infettiv m'hijiex ikkonsidrata bhala kwistjoni illi dejjem tipprevali a detriment tad-drittijiet fondamentali kollha, izda huwa rikonoxxut illi d-drittijiet fundamentali tal-individwu jistghu jigu limitati sa fejn hu necessarju f'socjeta demokratika, u proporzjonalment ghall-ghan legittimu li l-Istat ikun qieghed jipprova jikseb, sabiex tigi salvawardjata s-sahha pubblika.

27. Filfatt decizjoni aktar ricenti dwar il-legalita ta' restrizzjonijiet ta' drittijiet fondamentali ghas-salvagwardja tas-sahha pubblika inghatat mill-Karlsruhe Higher Regional Court fil-Germanja li tirrigwarda proprju d-dritt ghall-liberta fil-kuntest tal-pandemija ta' Sars-CoV-2. Skont din is-sentenza, in vista tar-riskju gholi ta' infezzjoni u n-nuqqas ta' gharfien kurrenti dwar l-estent tal-marda u r-riskju ta' kontagju tal-marda ghall-

partijiet fil-proceduri gudizzjarji, d-difensuri legali taghhom, il-gudikanti, l-impjegati tal-Qorti u l-pubbliku in generali, id-detenzjoni kontinwata tal-akkuzat kienet proporzjonali ghall-ghan legittimu li l-Istat kien qieghed jipprova jikkonsegwi, u cioe` l-prevenzjoni tat-tixrid tal-marda u r-riduzzjoni tar-rata ta' infezzjoni, u ghaldaqstant ma kienetx illegali, irrispettivament mil-fatt illi ma kien hemm l-ebda certezza dwar meta setghat titkompla tinstema' l-kawza tieghu. Dan dejjem jekk ikun hemm monitoragg tas-sitwazzjoni sabiex il-kawza tissokta appena jkun possibli, u jekk ikun hemm bzonn billi jitpoggew fis-sehh dawk il-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha fil-Qorti, u ghandu jigi ffacilitat l-ezami tal-legalita tad-detenzjoni kontinwata tal-akkuzat u l-principju generali tal-proporzjonalita. [6]

28. Inoltre, il-*Conseil d'Etat* f'decizjoni moghtija fit-22 ta' Marzu 2020 ukoll sahaq illi l-Istat ghandu l-poter u l-obbligu illi jintroduci mizuri ghas-salvagwardja tas-sahha pubblika sabiex jipprevjeni jew jillimita t-tixrid tal-epidemija.[7] Dan basta illi, fejn dawn il-mizuri jkunu jammontaw ghall-interferenza fid-drittijiet fondamentali tal-bniedem, il-mizuri ghandhom ikunu necessarju u proporzjonali ghall-iskop li ghalihom huma ntizi. Partikolarment fir-rigward ta' mizuri illi laqtu l-funzjonament tal-qrati u t-tribunali ta' Franza, il-*Conseil d'Etat* kien tal-opinjoni illi dawn il-mizuri ma kienux lezivi ta' drittijiet fondamentali ghaliex, inter alia, kienu jinkludu

[6] HEs 1 Ws 84/20 (OLG Karlsruhe, 30/03/2020).
[7] Conseil d'Etat statuant au contentieux N.439674 Syndicat Jeunes Medecins (22/03/2020).

dispozizzjoni mahsuba sabiex jiggarantixxu d-dritt ta' access ghall-qorti, u wkoll in vista tal-fatt tan-neccessita illi jitnaqqas il-kuntatt bejn in-nies sabiex tigi prevenuta jew limitata l-imxija tal-virus Sars-CoV-2.[8]

29. Fir-Renju Unit fis-sentenza fl-ismijiet **Adrian Doru Cosar v. Governor of HMP Wandsworth et** u **Mateusz Chmurzynski v. Governor of HMP Wandsworth et** gie deciz illi d-detenzjoni prolongata ta' persuna kagun ta' dilungar fl-estradizzjoni taghha minhabba l-pandemija ta' Sars-CoV-2 ma kienetx leziva tad-dritt fundamentali ghall-liberta ghaliex baqa' possibli ghal dik il-persuna illi taghmel talbiet ghall-liberta provvizorja u ghaliex kien hemm kontroll gudizzjarju fuq id-decizjoni li l-estradizzjoni issehh f'data aktar tard.[9]

30. Il-Qorti taghraf ukoll illi skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea fl-ezami tal-proporzjonalita` ta' mizuri mehuda mill-Istat fl-interess pubbliku huwa ferm relevanti l-fatt illi l-Istat ikun qieghed jaffacja cirkostanzi jew krizi ta' natura eccezzjonali kif ukoll "*the limited extent and temporary effect*" tal-mizuri fir-rigward tal-individwu koncernat.[10] Illi fil-kaz odjern, ghalkemm huwa minnu illi l-legislazzjoni innifisha ma stabbilitx termini fissi ghad-durata tal-mizuri, il-fatt illi l-Qrati inghataw il-poter illi jiddeciedu illi jisimghu kawzi minkejja l-ordni ta' gheluq tal-Qorti u tar-Registru illimita

[8] Conseil d'Etat statuant au contentieux N. 439883, 439892 Conseil National des Barreaux et autres, Syndicat des Avocats et autres (10/04/2020).
[9] **Cosar v Governor of HMP Wandsworth; Chmurzynski v Governor of HMP Wandsworth** [2020] EWHC 1142 (Admin), [2020] All ER (D) 64 (11/05/2020).
[10] **Da Conceição Mateus & Santos Januário v. Portugal** (QEDB, 08/10/2013).

l-effett ta' dawn il-mizuri, tant illi, kif diga inghad, il-kumpilazzjoni tal-appellat issoktat qabel ma gie revokat l-ordni ghall-gheluq tal-Qorti. Dan apparti l-fatt illi dawn l-Avvizi Legali kienu in effett ghal anqas minn tlett xhur, fil-kuntest ta' emergenza ta' sahha pubblika u f'cirkostanzi eccezzjonali fejn l-awtoritajiet pubblici kienu jinsabu addetti bis-salvagwardja tal-pubbliku minn marda novella u estremament infettiva li ghaliha la hawn vaccin preventiv u lanqas trattament, u li tikkawza mard serju u sahansitra mewt.

31. Ghaldaqstant, il-fatt li dawn l-Avvizi Legali ma stabbilewx limitu ghad-durata taghha ma jfissirx awtomatikament illi huma lezivi tad-drittijiet fondamentali tal-appellat. Dan galadarba jirrizulta fattwalment illi dawn l-Avvizi Legali kienu filfatt ta' natura temporanja u pjuttost limitata, kemm ghaliex il-Qorti kompetenti ordnat l-issoktar tal-kumpilazzjoni minkejja l-gheluq tal-Qorti kif kellha l-poter illi taghmel skont dawn l-Avvizi Legali, u kemm ghaliex effettivament dawn l-Avvizi Legali kienu gew revokati fi zmien ta' anqas minn tlett xhur.[11]

32. Barra minn hekk, jirrizulta mill-provi, u senjatament mix-xhieda mhux kontradetta tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika l-Professur Charmaine Gauci, illi d-decizjoni kollha mehuda mill-awtoritajiet kienu bbazati fuq konsiderazzjonijiet xjentifici a bazi tal-gharfien illi kien hawn

[11] Ara f'dan ir-rigward: **Savickas and Others v. Lithuania** (QEDB, 15/10/2013).

sa dak iz-zmien fuq il-virus Sars-CoV-2 (*fol.* 182 – 185). Ghalhekk huwa car illi ma kien hemm l-ebda arbitrarjeta fit-tehid ta’ mizuri minn naha tal-awtoritajiet pubblici.

33. Tenut kont ta’ dan kollu, din il-Qorti ma hijiex tal-fehma illi l-Avvizi Legali 61 tal-2020 u 65 tal-2020 jistghu jitqiesu f’dan il-kaz bhala lezivi tad-drittijiet fondamentali tal-appellat, ikkonsidrat illi mill-provi jirrizulta illi l-mizuri impunjati ittiehdu ghal ghan legittimu, u cioe` s-salvgwardja tal-hajja u s-sahha pubblika, kienu necessarji fid-dawl ta’ informazzjoni xjentifika rigward l-imxija tal-virus Sars-CoV-2, kienu proporzjonali u kienu effettivament limitati fid-durata taghhom. B’mod partikolari, il-fatt li thalla finalment fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tismax kawza jew le, a kuntrarju ta’ dak konkluz mill-ewwel Qorti, huwa salvagwardja krucjali f’pajjiz demokratiku fejn il-kontroll gudizzjarju fuq mizuri li jillimitaw d-drittijiet fondamentali tal-persuni huwa kkonsidrat bhala fondamentali ghad-demokrazija u s-saltna tad-dritt.

34. Inoltre, l-ezami li ghandu jsir fil-kuntest ta’ determinazzjoni dwar ilment ta’ tkasbir tad-dritt ghall-liberta jrid ikun strettament irradikat fil-fatti ta’ kaz in dizamina u l-mod kif l-appellat ikun effettivament intlaqat mill-mizuri inkwistjoni. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Ilnseher v. Germany** (QEDB, 04/12/2018):

"*The question of whether the right to a speedy decision has been respected must be determined in the light of the circumstances of each case (see, inter alia, R.M.D. v. Switzerland, 26 September 1997, § 42, Reports 1997-VI; Fešar v. the Czech Republic, no. 76576/01, § 68, 13 November 2008; and Stephens v. Malta (no. 2), no. 33740/06, § 84, 21 April 2009) and – as is the case for the "reasonable time" stipulation in Articles 5 § 3 and 6 § 1 of the Convention – including the complexity of the proceedings, their conduct by the domestic authorities and by the applicant and what was at stake for the latter (see Mooren, cited above, § 106, and the references therein; S.T.S. v. the Netherlands, no. 277/05, § 43, ECHR 2011; and Shcherbina v. Russia, no. 41970/11, § 62, 26 June 2014).*

*The Court accepts that the complexity of medical – or other – issues involved in an examination of an application for release can be a factor which may be taken into account when assessing compliance with the requirement of "speediness" laid down in Article 5 § 4. It does not mean, however, that the complexity of a given dossier – even exceptional – absolves the national authorities from their essential obligations under this provision (cf. Musiał v. Poland [GC], no. 24557/94, § 47, ECHR 1999-II; Baranowski, cited above, § 72; and Frasik v. Poland, no. 22933/02, § 63, ECHR 2010 (extracts))*."

35. Dan oltre l-fatt illi anke fejn jinstab illi l-ezami tal-legalita tad-detenzjoni tal-applikant ma kienx wiehed spedit skont kif rikjest mill-Konvenzjoni Ewropea, fejn ikun hemm sitwazzjonijiet eccezzjonali jista' jkun il-kaz illi ma jkun hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea.[12]

36. Anke fil-kuntest tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni gie meqjus illi ghandu jkun hemm bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat u l-interess generali, u li dewmien li f'kawzi ohra jista' jitqies bhala eccessiv huwa kkonsidrat

[12] Ara per ezempju **Musial v. Poland** (QEDB, 25/03/1999): "*Such a lapse of time, namely one year, eight months and eight days, will be incompatible with the notion of speediness within the meaning of Article 5 § 4 of the Convention **unless** there are exceptional grounds to justify it*." [enfazi ta' din il-Qorti]; **Mehmet Hasan Altan v. Turkey** (QEDB, 20/03/2018); **Sahin Alpay v. Turkey** (QEDB, 20/03/2018).

bhala gustifikabbli fejn ikun ikun hemm cirkostanzi partikolari, partikolarment fil-kuntest ta' l-protezzjoni tal-ordni u s-sahha pubblika.[13]

37. Mehud in konsiderazzjoni dak diga rilevat aktar -il fuq, huwa nfondat l-ilment tal-appellant illi b'effett tal-Avvizi Legali inkwistjoni id-detenzjoni tieghu kienet saret arbitrarja u indefinita u li gie mcahhad milli jikseb rimedju effettiv. Ibda billi jinghad bejn it-13 ta' Marzu 2020 u d-19 ta' Mejju 2020 (u cioe` meta gie awtorizzat ir-rinviju tal-atti tal-kumpilazzjoni), l-appellat prezenta rikors fejn ikkontesta l-legalita` tal-arrest tieghu, li gie deciz l-ghada stess, u tlett rikorsi ohra ghall-helsien mill-arrest, li kollha gew decizi fi ftit jiem, oltre r-rikors li beda dawn il-proceduri. Barra minn hekk, id-detenzjoni kontinwata tal-appellat ma kinetx ibbazata fuq l-Avvizi Legali impunjati, izda fuq id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk ma jistghax jinghad illi dawn l-Avvizi Legali taw lok ghal detenzjoni ghal zmien illimitat jew mhux prevedibbli. Filfatt ghalkemm l-appellat jilmenta illi huwa ma setghax jikseb il-helsien

---

[13] **Shabani v. Switzerland** (QEDB, 05/11/2009): "*Le requérant prétend que les mesures d'instruction dans son affaire ont été disproportionnées. La Cour considère comme pertinent l'argument du Gouvernement selon lequel les activités de l'organisation, soit le trafic de stupéfiants, étaient susceptibles de porter atteinte à la santé et au bien-être d'innombrables personnes et de causer des coûts exorbitants à la société. Il est incontestable que les infractions dont le requérant était soupçonné constituent des atteintes graves à l'ordre public et à la protection de la santé d'autrui. Au vu des ravages provoqués par la drogue, la Cour a jugé que les autorités doivent faire preuve d'une grande fermeté à l'égard de ceux qui contribuent à la propagation de ce fléau (Baghli, précité, § 48, et Dalia, précité, p. 92, § 54). Au vu de la complexité de l'affaire, de la marge d'appréciation des autorités de poursuite en la matière (voir, mutatis mutandis, Stoll c. Suisse [GC], no 69698/01, § 159, CEDH 2007-XIV) et de l'intérêt de la communauté internationale à la répression de telles activités criminelles, l'on ne saurait prétendre que les autorités fédérales aient fait preuve d'exagération dans la conduite de l'instruction contre le requérant…Eu égard à l'ensemble des circonstances du cas d'espèce, elle considère comme crédible l'argument tiré de l'existence de circonstances particulières et le besoin des autorités de prendre des mesures de sécurité efficacies.*"

mill-arrest ghaliex bis-sospensjoni tal-kumpilazzjoni ma kienux qed jinstemghu xhieda, il-Qorti taghraf illi huwa car mid-digrieti li bihom gew michuda t-talbiet tieghu ghall-helsien mill-arrest illi dawn ic-cahdiet ma kienux ibbazati biss fuq biza ta' intralc ta' provi minhabba li l-prosekuzzjoni kien ghad fadlilha xhieda xi tressaq, izda wkoll minhabba l-fatt illi l-Qorti ma kienetx sodisfatta illi l-appellat kien jofri garanzija sufficjenti li kien ser jidher quddiemha jekk moghti l-liberta mill-arrest partikolament minhabba l-fatt li kellu diversi rizorsi u kuntatti fl-esteru, minhabba l-possibilita ta' intralc fl-investigazzjoni pendenti minhabba l-potenzjal illi javvicina terzi li ghadhom ma gewx identifikati waqt l-investigazzjoni, is-severita tar-reat u l-kumplessita tal-kaz u d-dizordni pubbliku li l-helsien mill-arrest tieghu jista' jikkawza minhabba l-isfond politiku-socjali tar-reati li bihom qieghed mixli. Dawn il-fatturi kollha huma manifestament indipendenti mis-sospensjoni tal-kumpilazzjoni b'effett tal-Avvizi Legali mpunjati.

38. Ghaldaqstant huwa car illi l-ilment tal-appellat m'huwiex fondat. B'effett tal-Avvizi Legali numru 61 tal-2020 u 65 tal-2020, il-kumpilazzjoni kontra l-appellat twaqqfet ghal perjodu ta' ftit aktar minn xahrejn, u dan partikolarment peress illi l-Qorti Kriminali ordnat l-issoktar tal-kumpilazzjoni minkejja illi dawn l-Avvizi Legali kienu ghadhom fis-sehh u l-Qorti kienet ghadha maghluqa. Barra minn hekk, matul il-perjodu li dawn l-Avvizi Legali kienu fis-sehh, l-appellat prezenta numru ta' rikorsi

permezz ta' liema talab li jinghata liberta provvizorja, liema rikors gew konsiderati u decizi f'qasir zmien. Dan minkejja l-fatt illi, ghalkemm huwa minnu li fil-pajjiz ma gie dikjarat l-ebda stat ta' emergenza ai termini tal-Kostituzzjoni u/jew Konvenzjoni Ewropea, il-pajjiz kien jinstab ghaddej minn emergenza ta' sahha pubblika kagunata minn marda novella li ghaliha m'hawn l-ebda vaccin jew trattament u li tinxtered facilment, u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti kienu jezistu cirkostanzi eccezzjonali li jiggustifikaw l-interval fil-kumpilazzjoni kontra l-appellat, u dan tenut kont tal-fatt illi f'dak iz-zmien li l-kumpilazzjoni kienet sospiza baqa' possibli ghall-appellat illi jottjeni ri-ezami spedit tad-detenzjoni kontinwata tieghu, kif filfatt ghamel diversi drabi.

39. Ikkonsidrat din il-konkluzjoni, il-Qorti tqis illi huwa superfluwu li jigi diskuss ir-raba' aggravju tal-appellanti ghaliex galadarba l-Avvizi Legali impunjati instabu li m'humiex lezivi tad-drittijiet fondamentali tal-appellant, zgur li ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn l-Avukat Generali kellu jinjora dawn l-Avvizi Legali.

40. Fid-dawl ta' dan kollu il-Qorti tqis illi l-appell tal-Avukat tal-Istat u tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika huwa gustifikat u qieghed jigi milqugh.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat tal-Istat u tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika, tirrevoka s-sentenza appellata sa fejn sabet illi b'effett tal-applikazzjoni tal-Avvizi Legali 61/2020 u 65/2020 sehh ksur tad-drittijiet fondamentali tal-appellat kif protett bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u fejn sabet illi l-Avukat Generali ma kellux jistrieh fuq l-Avvizi Legali 61/2020 u 65/2020 sabiex ma jirrinvjax l-atti tal-Kumpilazzjoni Numru 720/2019 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u ma jissoktax is-smigh tal-istess kumpilazzjoni filwaqt illi tikkonfermaha fil-bqija taghha u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tal-appellat Yorgen Fenech, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-appellat.

| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
|---|---|---|
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
mb